MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 377/2000/1

**Epifanio Mifsud**

**vs**

**Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Epifanio Mifsud ("l-appellant") ressaq applikazzjoni quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex jottjeni permess ta' zvilupp li jikkonsisti f'*change of use from farmhouse to slaughter house for broilers,* Helen House, Triq it-Troll, Zebbug, Malta. Din l-applikazzjoni giet michuda mill-

Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ("il-Kummissjoni") ghal diversi ragunijiet li gew notifikati lill-appellant.

2. Fit-12 ta' Marzu 1996, l-appellant ressaq appell minn din id-decizjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar ("il-Bord"). L-aggravji li indika l-appellant gew kontestati mill-Kummissjoni fir-risposta taghha quddiem il-Bord.

3. Fl-20 ta' Ottubru 2000, il-Bord ta d-decizjoni tieghu li biha cahad l-appell u ikkonferma r-rifjut li kienet tat il-Kummissjoni, u dan wara li, *inter alia*, ikkonsidra hekk:
"Illi l-Bord jaqbel mar-ragunijiet tar-rifjut ta' din l-applikazzjoni kif moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp. Il-Bord jaghmel tieghu wkoll il-motivazzjonijiet ghal din id-decizjoni kif kontenuta fir-rapport tad-Direttorat ta' l-Ippjanar *a fol*. 6 ta' din id-decizjoni. B'mod partikolari, il-Bord jinnota li kien hemm oggezzjoni ghall-izvilupp propost mill-Water Services Corporation u mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Il-Bord bilfors irid jaghti l-piz misthoqq lil dan iz-zewg entitatjiet li huma koncernati b'mod dirett fil-qasam ta' l-agrikoltura, ta' l-ewwel biex jipprotegi l-eghjun ta' l-ilma u tat-tieni biex jara li progetti agrikoli jikkonformaw mal-policies tad-Dipartiment. Terga' t-tibdiliet proposti ghall-pjanti mid-Dipartiment ghall-protezzjoni ta' l-ambjent huma estensivi u jimplikaw tibdil sostanzjali fid-disinn tal-proposta. Fl-ahharnett, il-Bord jinnota li skond il-Key Diagram tal-Pjan ta' Struttura s-sit in kwistjoni jinsab f'*area of ecological value* u, ghalhekk jehtieg jigi protett. L-izvilupp propost mhux se jghin biex is-sit in kwistjoni jigi protett;

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp."

4. Ghal kompletezza din id-decizjoni tal-Bord kollha kemm hi qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**<u>II L-APPELL</u>**

5. L-appellant intavola appell minn din id-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Novembru, 2000. Ir-rikors ta' l-appellant jelenka l-aggravji mressqa minnu fil-konfront tad-decizjoni appellata tal-Bord u jitlob li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord u minflok tawtorizza c-*change of use from farmhouse to slaughter house for broilers* skond kif originarjament kien mitlub mill-appellant fl-applikazzjoni tieghu quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar.

6. L-Awtorita` ikkontestat l-appell b'eccezzjoni procedurali preliminari kif ukoll ikkontestat l-appell fil-meritu billi spjegat ghaliex fil-fehma taghha d-decizjoni appellata tal-Bord kienet wahda gusta u timmerita konferma. Ghalhekk l-Awtorita` talbet li l-appell interpost mill-appellat jigi michud.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. L-Awtorita` qeghdha teccepixxi li l-appell intavolat mill-appellant quddiem din il-Qorti huwa null ghaliex mhuwiex ibbazat fuq xi punt ta' ligi li gie deciz mill-Bord. Din l-eccezzjoni preliminari ssib il-bazi taghha fis-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Dan is-sub-artikolu jiddisponi li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom inghata dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

8. Il-legislatur ikkonferixxa fuq il-Qorti ta' l-Appell gurisdizzjoni limitatitissima, kif intqal f'numru kbir ta' sentenzi li nghataw ricentement u li ghalihom qeghdha ssir referenza. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tirrevedi kwistjonijiet ta' fatt jew kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Lanqas ma tidhol biex tirrevedi jew taghmel apprezzamenti taghha dwar aspetti purament teknici ta' l-ippjanar. Kwistjonijiet bhal dawn jidhlu fil-mansjonijiet esklussivi tal-Bord li huwa tribunal amministrattiv imwaqqaf apposta b'zewg membri teknici fih li huma professjonalment kompetenti u kwalifikati biex jevalwaw sewwa s-sottomissjonijiet teknici li jsiru quddiemu u b'hekk il-Bord huwa f'pozizzjoni li jkun jista' jaghti decizjoni gusta fuq materja teknika.

9. Jekk wiehed jezamina d-decizjoni appellata tal-Bord, wiehed isib li din tikkonsisti bazikament f'apprezzament tekniku tal-proposta ta' zvilupp maghmula mill-appellant. Id-decizjoni tal-Bord ma fiha l-ebda decizjoni la espressa u lanqas implicita dwar xi punt ta' ligi u ghalhekk ma jistax jinghad li tippresta ruhha ghal appell validu quddiem din il-Qorti.

10. Din il-Qorti ezaminat akkuratament is-seba' aggravji li l-appellant jelenka fl-appell tieghu. L-aggravji enumerati bin-numri 1, 2 u 7 jargumentaw li l-*policies* citati mill-Awtorita` u mill-Bord ma kienux applikabbli ghall-kaz. L-aggravji enumerati bin-numri 3, 4 u 5 jikkontestaw l-oggezzjoni li ressqet il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, fil-konfront ta' l-izvilupp propost mill-appellant. L-aggravju elenkat bin-numru 6 jenfasizza li ma kienx hemm oggezzjoni da parti tad-dipartiment ta' l-Ambjent u l-appellant jargumenta li dan il-fatt kien jindika li ma tregix l-bazi legali moghtija ghar-rifjut ta' l-applikazzjoni ma tregix.

11. Din il-Qorti ma tarax il-htiega li ghandha tamplifika fuq l-aggravji li ressaq l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu billi waslet ghall-konkluzjoni li jekk dawn jigu korrettament analizzati ghandu jinstab li l-aggravji kollha huma strettament marbuta ma apprezzament, interpretazzjoni u applikazzjoni ta' *policies* ta' l-Ippjanar u l-ebda wiehed minn dawn l-aggravji ma jikkoncerna xi punt ta' dritt li gie deciz mill-Bord.

12. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tilqa' l-eccezzjoni preliminari procedurali ta' l-Awtorita` ghaliex l-aggravji kollha li semma' l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu jezorbitaw mill-gurisdizzjoni limitatissima li l-legislatur ikkonferixxa fuq din il-Qorti.

13. Ghal dawn il-motivi *previa* li tilqa' l-eccezzjoni preliminari msemmija ta' l-Awtorita`, tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord li nghatat fl-20 ta' Ottubru, 2000. L-ispejjez jithallslu kollha mill-appellant.

Deputat Registratur
Mg

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni tal-Bord moghtija fl-20 ta' Ottubru 2000, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------